MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 441/2002/1

**DHL International Ltd**

**Vs**

**Bonavia Stores Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sebgha u tmenin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm587.41), prezz ghall-garr ta' merkanzija ordnata mid-ditta konvenuta u kkonsenjata.

Ra s-sentenza preliminari moghtija mit-Tribunal fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002 fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta permezz ta' nota prezentata fl-4 ta' Lulju 2002.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Wara s-sentenza moghtija mit-Tribunal fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002, fadal il-kwistjoni dwar il-hlas ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm153).

2. Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2002 is-socjeta konvenuta ammettiet li dan il-hlas huwa dovut. Fis-seduta tal-lum it-Tribunal gie mgharraf mill-avukat difensur tas-socjeta konvenuta li d-dejn kien thallas fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddikjara li l-meritu ta' dawn il-proceduri huwa llum ezawrit u ghalhekk qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**